MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 45/2012

**A B**

**vs**

**Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**

**li b'digriet tal-20 ta' April 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati**

**sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D u b'digriet**

**tal-14 ta' Gunju 2012 gew estromessi l-kuraturi deputati stante**

**li l-istess C D assumiet l-atti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu talab li l-Qorti: (1) tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta; (2) tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attur; (3) tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 sa fejn applikabbli inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lir-rikorrenti; (4) ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.

Rat li b'digriet tal-14 ta' Gunju 2012 il-kuraturi deputati gew estromessi u l-konvenuta ipprezentat risposta guramentata fis-27 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha eccepiet: (1) illi l-ewwel talba ghandha tintlaqa' pero' l-bazi tas-separazzjoni hija minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 41 tal-Kap 16 u cioe' l-abbandun ghal aktar minn sentejn minghajr raguni tajba; u (2) illi t-talbiet l-ohra u d-dekadenza ghandhom jigu decizi kontra l-istess attur filwaqt illi ghax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti il-Qorti ghandha tipprovdi tenut kont tac-cirkostanzi tal-abbandun.

Fit-12 ta' Gunju 2014 l-attur ipprezenta rikors sabiex il-kawza tigi konvertita minn wahda ta' separazzjoni personali ghal wahda ta' divorzju. Fl-udjenza tal-istess jum il-konvenuta iddikjarat li ma topponiex ghal tali talba filwaqt li l-partijiet iddikjaraw illi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti mhemmx u li hadd minnhom ma kien qed jippretendi manteniment minghand il-parti l-ohra.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza u r-rikors tat-12 ta' Gunju 2014 thallew ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi m'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi z-zwieg ta' bejniethom ghandu jigi mahlul anke ghaliex ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza u r-rikors tat-12 ta' Gunju 2014 u tiddisponi mir-risposta guramentata bil-mod segwenti:-

1. Fl-ewwel lok tilqa' r-rikors tat-12 ta' Gunju 2014 u tikkonverti l-kawza minn kawza ghal separazzjoni personali ghal kawza ta' divorzju.

2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet.

3. Tordna lir-Registratur sabeix zmien ghaxart ijiem mill-jum li fih din is-sentenza ssir res judicata javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

4. Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici.

5. Tilqa'l-hames talba attrici u ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u in vista tal-fatt illi kif iddikjaraw l-istess partijiet f'dawn l-atti, ma hemm l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti, tiddikjara illi ma hemm l-ebda assi x'jigu likwidati u divizi.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------